MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 398/2010

Gopinath **VENUGOPAL JEYAKRISHNA MOORTHY** u G & N Technologies Limited

vs

***CHAIRMAN*** **KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali[1] fil-21 ta' April, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (i) issib li d-deċiżjoni meħuda mill-Korporazzjoni mħarrka li ma ġġeddidx il-permess tax-xogħol lill-attur hija abbużiva u tmur kontra waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) tordna lill-korporazzjoni mħarrka toħroġ permess ta' xogħol li jiswa fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalha, ħalli huwa jkun jista' jissokta bil-ħidma tiegħu mal-kumpannija attriċi G & N Technologies Limited bħala *VOIP Engineer Plus System Administrator*. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħiħ kull jedd ta' azzjoni ulterjuri kontra l-istess Korporazzjoni;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Korporazzjoni mħarrka fis-17 ta' Ġunju, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepiet li (i) l-azzjoni ma tiswiex għaliex jonqos l-avviż li l-liġi trid fl-artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li (ii) l-eċċipjenti fil-kwalita' li hija mħarrka, m'għandha l-ebda rabta ġuridika mal-attur u b'hekk imissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża bi spejjeż għalih u li (iii) l-azzjoni ma tiswiex għaliex tressqet bla ma qabel saret interpellazzjoni b'att ġudizzjarju kif irid l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqgħet ukoll billi qalet li (a) l-ġudizzju m'huwiex sħiħ għaliex il-Ministru responsabbli mill-Immigrazzjoni (u li f'ismu u bis-saħħa tad-delega minnu mogħtija ttieħdet id-deċiżjoni impunjata mill-attur) ma tħarrikx, (b) li l-attur m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-Korporazzjoni mħarrka għaliex l-attur ma ressaq l-ebda talba għat-tiġdid tal-permess u ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni minnha fuq xi applikazzjoni tiegħu, (ċ) l-azzjoni tonqos milli mqar b'mod ġenerali tfisser liema huma l-fatti li jagħtu lok għat-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A li jsemmi l-attur, u (d) li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex ir-rikorrent bħala persuna ta' nazzjonalita' indjana ma għandu l-ebda dritt jippretendi li tinħariġlu jew li tiġġeddidlu liċenza biex

[1] Fis-sewwa, azzjoni bħal din ma messha qatt tressqet taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 167 tal-Kap 12, u kien għalhekk li din il-Qorti qisitha mill-bidu bħala kawża miexja bil-proċedura normali kif semmiet fid-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2010

jaħdem f'Malta, u li l-Qorti la tista' tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni mħarrka b'tagħha biex tordna l-ħruġ tal-permess u lanqas tista' tissindaka s-setgħat tal-Ministru responsabbli fl-għażla tiegħu li joħroġ jew li jirtira permess bħal dak;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2010, li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-21 ta' Ġunju, 2010, ordnat li ssir it-tiswija tar-Rikors Maħluf billi jitħalla jiddaħħal mill-ġdid l-avviż skond l-artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta' Ġunju, 2010, li bih l-għaref difensur tal-atturi iddikjara li l-azzjoni attriċi ma kinitx maħsuba kontra ċ-*Chairman* fil-kwalita' personali tagħha;

Rat li, fid-dawl tal-imsemmi degriet u tal-imsemmija dikjarazzjoni, l-Korporazzjoni mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "ETC") irtirat l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tagħha;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2010, li bih ordnat lill-atturi biex jirregolaw irwieħhom dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari ta' ETC;

Rat li l-atturi naqsu li jressqu n-Nota ordnata fl-imsemmi degriet, imma iddikjaraw li l-interpellazzjonijiet li saru lill-ETC kienu kollha ittri legali imma mhux atti ġudizzjarji;

Rat in-Nota mressqa mill-ETC fit-8 ta' Ottubru, 2010[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari ta' ETC;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Novembru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

[2] Paġ. 26 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilminta minn deċiżjoni meħuda li ċaħdet talba għal tiġdid tal-permess tiegħu biex jaħdem f'Malta u mir-rifjut li dik id-deċiżjoni terġa' titqies mill-ġdid;

Illi ETC laqgħet b'għadd ta' eċċezzjonijiet, kemm preliminari u kif ukoll fil-mertu (għalkemm, xorta waħda, bosta minnhom huma ta' xejra proċedurali). Hija irtirat tnejn mit-tliet eċċezzjonijiet preliminari, u għalhekk din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari, u jiġifieri jekk kemm-il darba l-azzjoni attriċi tiswiex għaliex ma tħarsux id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li l-attur twieled l-Indja fl-1979. F'Diċembru tal-2008[3] inħareġ permess biex l-attur jaħdem f'Malta bħala inġinier ("*voice over i. P. System*") mal-kumpannija attriċi li kienet reġistrata f'Malta fi Frar ta' dik l-istess sena[4]. Il-permess kellu jibqa' fis-seħħ sal-aħħar tas-sena 2009. L-attur inħarġitlu wkoll Karta tal-identita' Maltija f'Diċembru ta' dik l-istess sena[5]. F'April ta' din is-sena[6], ETC għarrfet lill-attur li l-liċenza tiegħu biex jibqa' jaħdem f'Malta ma ġġedditx. B'ittra oħra tal-15 ta' April, 2010[7], d-Direttriċi tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-*Expatriates* għarrfet lill-attur li ma laqgħetx it-talba tiegħu biex jinħariġlu permess biex jibqa' joqgħod f'Malta u ntalab jitlaq minn Malta. Il-kawża nfetħet fil-21 ta' April, 2010;

Illi b'konsiderazzjoni tal-aspetti legali tal-eċċezzjoni taħt eżami jibda biex jingħad li l-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jrid li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma jista' jitressaq u ebda proċediment ma

[3] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[4] Dok "E", f'paġ. 9 tal-proċess
[5] Dok "F", f'paġ. 10 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[7] Dok "Ċ", f'paġ. 7 tal-proċess

jista' jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b'ittra uffiċjali jew protest li jfissru b'mod ċar il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita' jew persuna bħal dak;

Illi l-attur stqarr li, qabel fetaħ din il-kawża, ma kienx interpella lill-ETC b'att ġudizzjarju dwar l-ilment li llum qiegħed iressaq kontriha f'din il-kawża. L-għaref difensur tiegħu, iżda, jargumenta li l-ETC m'hijiex waħda mill-entitajiet li għalihom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu, u għalhekk jgħid li ma kienx hemm bżonn li l-atturi jinterpellawha b'att ġudizzjarju biex l-azzjoni tagħhom tkun tgħodd. Min-naħa tagħha, ETC tistrieħ fuq il-fatt li s-setgħat li hija teżerċita f'każijiet bħal dawk li jilminta minnhom l-attur joħorġu mis-setgħat mogħtijin lilha bid-delega mill-Ministru konċernat. Fil-każ tagħha, hija tgħid li ilha li ngħatat tali setgħat sa minn Lulju tal-2005[8]. L-għaref difensur ta' ETC jargumenta li bis-saħħa tal-imsemmija delega, ETC libset l-attributi kollha ta' enti governattiv jekk mhux saħansitra wkoll il-personalita' eżekuttiva vestita fil-Ministru konċernat. Iżid jgħid li, ladarba l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mibdija mill-attur m'hijiex fost dawk il-proċeduri li jissemmew fl-eċċezzjonijiet merfugħa fis-subartikolu (2) tal-artikolu 460, allura l-azzjoni attriċi ma tiswiex minħabba li ma tħarsux id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu;

Illi hu xieraq jingħad li dan l-artikolu huwa waħda mid-dispożizzjonijiet li l-liġi tikkontempla fir-rigward ta' proċeduri ġudizzjarji li fihom ikun imdaħħal il-Gvern, korp statutorju jew korporazzjoni mwaqqfa bil-Kostituzzjoni. F'din l-għamla ta' proċeduri, l-liġi tagħti lill-Gvern ċerti privileġġi. Minħabba f'hekk, u billi dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' natura partikolari, għandhom jitqiesu bħala eċċezzjoni għar-regoli ġenerali proċedurali u fl-istess waqt jitħaddmu fi ħdan il-qafas sħiħ ta' dak li jipprovdi l-Kodiċi tal-Proċedura;

---

[8] Dok « ISB », f'paġ. 26 tal-proċess

Illi mill-kliem iebes tal-imsemmi artikolu 460 joħroġ ċar li mhux talli att ġudizzjarju (li mhux ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju) ma jiswiex u ma jistax jitmexxa 'l quddiem kontra l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika, kif ingħad, iżda li lanqas biss imissu jitħalla jitressaq mir- Reġistratur tal-Qrati. Il-liġi tuża l-kliem "ippreżentat", "jittieħdu jew jinbdew" u "mitlub", li lkoll juru bid-dieher li l-ħsieb tal-leġislatur kien li l-atti mressqa bi ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet jintlaqtu mortalment mill-bidunett;

Illi f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minn dawn il-Qrati fit-tifsir li huma taw lil dan l-artikolu, ingħad dejjem li l-azzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b'mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu. Kull azzjoni oħra li taqa' 'l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid tabilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja **u** l-mogħdija ta' żmien ta' għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita' jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;

Illi din il-Qorti, madankollu, tqis li fil-każ li għandha quddiemha, l-att (jiġifieri r-rikors promotur) mhux biss tressaq, imma tħalla mir-Reġistratur tal-Qrati jimxi 'l quddiem tant li assenjah bħala kawża biex tinstema' minn din il-Qorti. Dan in-nuqqas waħdu ma jservix biex dak li ma jiswiex iġibu jiswa[9], imma jista' jkun indikattiv ħafna jekk fil-fatt jirriżulta li l-att promotur mhux milqut minn nullita';

Illi l-Qorti tqis ukoll li, skond ma ngħad f'sentenzi ta' dawn il-Qrati, dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*[10];

---

[9] Ara P.A. **25.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.666**)
[10] Ara P.A. FGC: **7.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)

Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni[11]. L-għan għal dak l-artikolu huwa li jipprovdi l-opportunita' li jiddefendu lilhom infushom[12];

Illi l-Qorti tagħraf li kien hemm żmien meta l-fehma tal-Qrati kienet saħansitra li att ġudizzjarju mressaq bħala bidu ta' kawża kontra l-Gvern li ma jintweriex li kien preċedut minn ittra uffiċjali jew protest kif jingħad fl-artikolu 460, mhux biss huwa null imma inesistenti għax ir-Reġistratur ma jmissux imqar laqgħu meta tressaq quddiemu[13]. Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem użat fl-artikolu in kwestjoni, n-nullita' li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom[14];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmi artikolu jgħodd ukoll għal kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju mressqa taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[15], u dan għaliex azzjoni bħal dik ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-għamliet ta' proċeduri msemmija fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 460, liema lista hija waħda tassattiva;

Illi jifdal li l-Qorti tqis jekk kemm-il darba ETC hijiex entita' li għaliha jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460. Jekk wieħed jaqra sewwa d-delega ministerjali magħmula lil ETC fil-Gażżetta Uffiċjali, wieħed isib li din ingħatat taħt is-saħħa tal-artikolu 26(1) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta'

---

[11] App. Ċiv. **9.2.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***David Harding vs Lawrence A. Farruġia et*** (mhix pubblikata)
[12] Ara, per eżempju, App. Inf.**10.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana***
[13] Ara P.A. FGC: **5.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bellizzi vs Avukat Ġenerali*** (mhix pubblikata)
[14] Ara P.A. FGC: **22.6.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et*** (mhix pubblikata)
[15] Ara Maġ. (Għ) AE **16.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Suprintendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex et***

Malta li espressament jipprovdi li kemm il-Prim Ministru u kif ukoll il-Ministru (responsabbli mill-Immigrazzjoni) għandhom is-setgħa li jawtorizzaw lil "xi korp magħqud stabilit bil-liġi biex jeżerċita minfloku s-setgħat kollha jew uħud minnhom mogħtija lilu bħala Prim Ministru jew Ministru" safejn il-liġi nnifisha tippermetti li tali setgħat jistgħu jkunu delegati. Fil-każ partikolari, ETC ngħatawlha b'delega s-setgħat li jinħarġu permessi biex persuna teżerċita xi professjoni jew xogħol f'Malta[16] u l-għoti ta' garanzija li taħtha jinħareġ permess bħal dak[17];

Illi filwaqt li huwa magħruf li kull persuna jew korp delegat minn Ministru tal-Gvern jitqies bħala mandatarju tal-istess Ministru (wkoll għall-finijiet proċedurali)[18], il-kliem tad-delega partikolari mogħtija lill-ETC jixhed li s-setgħat delegati ttrasferew ukoll il-personalita' u d-diskrezzjoni li l-istess Eżekuttiv iħaddan li kieku dik id-delega ma saritx. Dawk is-setgħat tibqa' żżommhom sakemm jiġu rtirati minn min tahomlha. Minbarra dan, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li ETC twettaq funzjonijiet pubbliċi u tħaddan kwalita' ta' awtorita' pubblika b'kariga pubblika. Li kieku ma kienx hekk, kieku l-azzjoni tal-atturi taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ma kinitx tista' titressaq għaliex l-istħarriġ ġudizzjarju jsir biss fir-rigward ta' għemil amministrattiv ta' awtorita' pubblika. Bħal fil-każ ta' entitajiet oħrajn mogħnija b'setgħat ta' awtorita' pubblika u maħluqa b'liġi, ETC għandha titqies bħala waħda mill-korpi li għalihom jgħodd l-artikolu 460 tal-Kap 12. Dan jinsab affermat ukoll f'deċiżjonijiet oħrajn dwar korpi jew korporazzjonijiet statutorji oħrajn[19];

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni mibdija mill-atturi kontra l-ETC riedet tħares il-proċedura stabilita fl-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li n-nuqqas ta' tħaris ta' dawk id-dispożizzjonijiet iġibu ma tiswiex l-istess azzjoni;

---

[16] Art. 11(1)(3) tal-Kap 217
[17] Art. 12(1) tal-kap 217
[18] P.A. **31.1.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Borġ Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.862**)
[19] Ara, per eżempju, P.A. AM **2.10.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Spiteri et vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata)

Illi għalhekk l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami tirriżulta mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex tressqet bi ksur tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kien jgħodd għaliha, u għalhekk teħles lill-Korporazzjoni mħarrka milli toqgħod iżjed fil-kawża **bi spejjeż għall-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------